IV

(Atti oħrajn)

SPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 72/2007

tas-6 ta' Lulju 2007

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 46/2007 tat-8 ta' Ġunju 2007 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/393/KE tal-31 ta' Mejju 2006 dwar id-dežinjazzjoni tal-laboratorju Komunitarju ta' referenza għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/416/KE ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar ċerti miżuri tranżitorji b'rabta ma' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli ħafna fit-tjur ta' l-irziezet jew għasafar oħrajn maqbudin fil-Komunità ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/427/KE ta' l-20 ta' Ġunju 2006 li tistabbilixxi metodi ta' kontroll tar-rendiment u metodi għall-istima tal-valur ġenetiku ta' annimali ta' l-ifrat ta' razza pura għat-tnissil ta' l-ispeċi tal-bovini ([4]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/552/KE tat-3 ta' Awwissu 2006 li temenda l-Anness XI tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE fir-rigward tal-lista tal-laboratorji awtorizzati li jimmaniġġjaw il-virus ħaj tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għall-produzzjoni tal-vaċċin ([5]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2006/572/KE tat-18 ta' Awwissu 2006 li temenda d-Deċiżjoni 2005/393/KE dwar żoni ristretti fir-rigward tal-bluetongue fi Spanja u l-Portugall ([6]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

([1]) ĠU L 266, 11.10.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 152, 7.6.2006, p. 31.
([3]) ĠU L 164, 16.6.2006, p. 61.
([4]) ĠU L 169, 22.6.2006, p. 56.
([5]) ĠU L 217, 8.8.2006, p. 29.
([6]) ĠU L 227, 19.8.2006, p. 60.

(7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/437/KE ta' l-4 ta' Awwissu 2006 li tapprova Manwal Dijanjostiku għall-influwenza tat-tjur kif previst fid-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE ([7]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/591/KE ta' l-1 ta' Settembru li temenda d-Deċiżjoni 2005/393/KE dwar żoni ristretti fir-rigward tal-bluetongue ([8]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/633/KE tal-15 ta' Settembru 2006 li temenda d-Deċiżjoni 2005/393/KE dwar żoni ristretti fir-rigward tal-bluetongue ([9]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(10) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/650/KE tal-25 ta' Settembru 2006 li temenda d-Deċiżjoni 2005/393/KE dwar żoni ristretti fir-rigward tal-bluetongue ([10]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(11) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/693/KE tat-13 ta' Ottubru 2006 li temenda d-Deċiżjoni 2005/393/KE rigward il-kondizzjonijiet li japplikaw għall-movimenti li joriġinaw jew li jgħaddu minn żoni ristretti fir-rigward tal-bluetongue ([11]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(12) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/705/KE ta' l-20 ta' Ottubru 2006 li tapprova l-pjan għat-tilqim preventiv kontra l-influwenza tat-tjur tas-sottotip H5 f'xi proprjetajiet fir-Rhine-Westphalia tat-Tramuntana ppreżentat mill-Ġermanja taħt id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE ([12]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(13) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/761/KE tad-9 ta' Novembru 2006 li temenda d-Deċiżjoni 2005/393/KE dwar żoni ristretti fir-rigward tal-bluetongue ([13]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(14) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/778/KE ta' l-14 ta' Novembru 2006 dwar rekwiżiti minimi għall-ġbir ta' informazzjoni matul l-ispezzjonijiet ta' siti ta' produzzjoni fejn jinżammu xi annimali għal għanijiet ta' biedja ([14]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(15) Id-Direttiva 2006/427/KE tħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 86/130/KEE ([15]) li hi inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentement għandha titħassar skond il-Ftehim,

(16) Id-Direttiva 2006/778/KE tħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/50/KEE ([16]) li hi inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentement għandha titħassar skond il-Ftehim,

(17) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għall-Iżlanda u l-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I ta' l-Anness I mal-Ftehim għandu jiġi emendat kif speċifikat fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2006/393/KE, 2006/416/KE, 2006/427/KE, 2006/552/KE 2006/572/KE, 2006/437/KE 2006/591/KE, 2006/633/KE, 2006/650/KE, 2006/693/KE, 2006/705/KE, 2006/761/KE and 2006/778/KE fil-lingwa Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment għaż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

([7]) ĠU L 237, 31.8.2006, p. 1.
([8]) ĠU L 240, 2.9.2006, p. 15.
([9]) ĠU L 258, 21.9.2006, p. 7.
([10]) ĠU L 267, 27.9.2006, p. 45.
([11]) ĠU L 283, 14.10.2006, p. 52.
([12]) ĠU L 291, 21.10.2006, p. 38.
([13]) ĠU L 311, 10.11.2006, p. 51.
([14]) ĠU L 314, 15.11.2007, p. 39.
([15]) ĠU L 101, 17.4.1986, p. 37.
([16]) ĠU L 19, 25.1.2000, p. 51.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Lulju 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment għaż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Lulju 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON

(*) M'huma indikati ebda obbligi kostituzzjonali.

ANNESS

Il-Kapitolu I ta' l-Anness I għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej għandu jiġi inkluż wara l-punt 31 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/379/KE) fil-Parti 2.2:

"32. **32006 D 0427**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/427/KE ta' l-20 ta' Ġunju 2006 li tistabbilixxi metodi ta' kontroll tar-rendiment u metodi għall-istima tal-valur ġenetiku ta' annimali ta' l-ifrat ta' razza pura għat-tnissil ta' l-ispeċi tal-bovini (ĠU L 169, 22.6.2006, p. 56)."

2. It-test tal-punt 3 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 86/130/KE) fil-Parti 2.2 għandu jitħassar.

3. L-inċiż li ġej għandhu jiġi miżjud fil-punt 1a (id-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE) fil-Parti 3.1:

"— **32006 D 0552**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/552/KE tat-3 ta' Awwissu 2006 (ĠU L 217, 8.8.2006, p. 29)."

4. L-inċiżi li ġejjin għandhom jiġu miżjuda fil-punt 33 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/393/KE) fil-parti 3.2:

"— **32006 D 0572**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/572/KE tat-18 ta' Awwissu 2006 (ĠU L 227, 19.8.2006, p. 60),

— **32006 D 0591**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/591/KE ta' l-1 ta' Settembru 2006 (ĠU L 240, 2.9.2006, p. 15),

— **32006 D 0633**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/633/KE tal-15 ta' Settembru 2006 (ĠU L 258, 21.9.2006, p. 7),

— **32006 D 0650**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/650/KE tal-25 ta' Settembru 2006 (ĠU L 267, 27.9.2006, p. 45),

— **32006 D 0693**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/693/KE tat-13 ta' Ottubru 2006 (ĠU L 283, 14.10.2006, p. 52),

— **32006 D 0761**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/761/KE tad-9 ta' Novembru 2006 (ĠU L 311, 10.11.2006, p. 51)."

5. Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 34 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/724/KE) fil-Parti 3.2:

"35. **32006 D 0393**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/393/KE tal-31 ta' Mejju 2006 dwar id-dežinjazzjoni tal-laboratorju Komunitarju ta' referenza għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer (ĠU L 152, 7.6.2006, p. 31).

36. **32006 D 0416**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/416/KE ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar ċerti miżuri tranżitorji b'rabta ma' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli ħafna fit-tjur ta' l-irziezet jew għasafar oħrajn maqbudin fil-Komunità (ĠU L 164, 16.6.2006, p. 61).

37. **32006 D 0437**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/437/KE ta' l-4 ta' Awwissu 2006 li tapprova Manwal Dijanjostiku għall-influwenza tat-tjur kif previst fid-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE (ĠU L 237, 31.8.2006, p. 1)."

6. Taħt l-intestatura *"ATTI LI L-ISTATI TA' L-EFTA U L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TA' L-EFTA GĦANDHOM IQISU KIF DOVUT"*, il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 33 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/773/KE) fil-Parti 3.2:

"34. **32006 D 0705**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/705/KE ta' l-20 ta' Ottubru 2006 li tapprova l-pjan għat-tilqim preventiv kontra l-influwenza tat-tjur tas-sottotip H5 f'xi proprjetajiet fir-Rhine-Westphalia tat-Tramuntana ppreżentat mill-Ġermanja taħt id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE (ĠU L 291, 21.10.2006, p. 38)."

7. Il-punt li ġej għandu jiġi inkluż wara l-punt 3 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/433/KE) fil-Parti 9.2:

"4. **32006 D 0778**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/778/KE ta' l-14 ta' Novembru 2006 dwar rekwiżiti minimi għall-ġbir ta' informazzjoni matul l-ispezzjonijiet ta' siti ta' produzzjoni fejn jinżammu xi annimali għal għanijiet ta' biedja (ĠU L 314, 15.11.2006, p. 39)."

8. It-test tal-punt 9 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/50/KE) tal-Parti 9.1 għandu jitħassar.